# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 466/2016

**Il-Pulizija**

**vs**

**Christopher Abela**

Seduta tal-24 ta' Ġunju, 2019

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Christopher Abela detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 186269M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

a) Fil-15 ta' Novembru, 2014 għall-ħabta ta' 01:15 bħala l-persuna li kellu fuq ismu il-liċenzja tal-ħanut Taboo Wine Bar, Cospicua Road, Paola, halla li ssir attivita' kummerċjali li qegħda f'żona urbana u ġġenerat storbju li instemma' minn barra tal-post li kkawża sikkatura u disturb lill-ġirien bid-daqq ta' mużika b'live bands jew mużika amplifikata jew mezzi oħra

wara l-23:00hrs u dan bi ksur ta' L.S. 441.07 tat-Tieni Skeda Reg 13 (10);

b) Kif ukoll bħala persuna li f'ismu għandu l-liċenzja ħalla fil-ħanut kant jew ħsejjes li setgħu dejqu jew b'xi mod ieħor iddisturbaw lill-ġirien u dan bi ksur ta' L.S.10.09 Reg 23;

c) Kif ukoll ma obdiex l-ordnijiet leġittimi ta' WPS 167 inkarigat minn servizz pubbliku , jew ma ħalliex jew fixkel waqt li kien qed jagħmel id-dmirijiet tiegħu, jew b'xi mod ieħor bla jedd, indahal fi dmirijietu billi ma halliex lill-ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel , jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor kien għamel skont il-liġi, jew b'xi mod ieħor li kien, kemm –il darba din id-disubbidjenza jew dan l-indħil ma kienux jaqgħu taħt disposizzjonijiet oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' liġi oħra u dan bi ksur tal-Art 338(ee) tal-Kap 9.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, 4 t'Ottubru, 2016 li biha ma sabitx htija fl-imputat dwar it-tielet (3) imputazzjoni u minnha lliberatu, izda sabet lill-Christopher Abela ħati tal-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u ikkundannatu ammenda komplessiva ta' ħames mitt Ewro (500) u ai termini tal-Artikolu 20 tal-Kapitolu 441 tal-Liġijiet ta' Malta ssospendiet l-liċenzja mogħtija lill-imputat f'dak li għandu x'jaqsam mal-eserċizzju ta' dik l-attivita' kummerċjali żvolta mill-istabbiliment de quo għal perjodu ta' xahar.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Christopher Abela, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti nhar it-13 t'Ottubru, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti jogħġobha **tikkonfermaha** fejn ma sabitx lill-appellant ħati tat-tielet imputazzjoni, **tħassarha** u tirrevokaha fejn sabitu ħati tal-ewwel imputazzjoni u t-tieni imputazzjoni u tilliberaħ minn kull ħtija u piena **jew**

**tirriformaha u tvarjha** in kwantu l-piena billi minflok il-piena inflitta tissostitwixxi l-istess b'piena aktar ekwa u ġusta;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet ix-xhieda (dawk li t-traskrizzjoni taghhom ma kienitx tinsab fl-atti processwali);

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat;

1. Illi jokkorri qabel xejn li jitqieghdu in rassenja s-segwenti fatti ghall-ahjar apprezzament ta' dan l-appell. Din il-kawza instemghet flimkien ma' ohrajn kontra l-istess imputat liema kawzi li uhud minnhom originaw minn kwereli maghmulha minn koppja , li tirrisjedi fuq hanut tax-xorb gestit mill-appellant, minhabba daqq ta' muzika b'volum gholi wara l-hdax ta' filghaxija. Din il-kwerela hija wahda minn sensiela ohra li naturalment ser ikunu konsiderati u decizi separatament skond il-mertu taghhom b'dan illi kif maqbul bejn il-partijiet, id-deposizzjoni tax-xhieda u r-rapporti peritali jkunu jiffurmaw il-provi fil-kawzi kollha. Il-kaz odjern origina minn kwerela dwar muzika gholja waqt li gia kien hemm nominat perit tekniku sabiex jistabilixxi l-livelli ta' hsejjes emergenti mill-istabiliment tal-imputat;

2. Jokkorri ukoll li jkun senjalat illi fis-sottomisjonijiet orali tieghu, l-abbli difensur tal-appellant ressaq argumenti li ma kienux jiffurmaw parti mill-aggravji fir-rikors tal-appell. Huma biss dawk il-lanjanzi msemmija fir-rikors tal-appell li ser ikunu

konsiderati naturalment ghaliex f'dan l-istadju mhux permess li jizdiedu aggravji godda;

3. Kif gia inghad, dwar l-ilmenti tal-kwerelanti , l-ewwel Qorti kienet nnominat espert biex jirrelata dwar il-livell ta' hsejjes emanenti minn dan il-bar. Huwa evidenti li din ma kienitx xi bicca xoghol facli ghaliex jidher li l-appellant, ghad illi kien inghata estensjoni ghal-hinijiet tal-eghluq mill-hdax ta' filghaxija sal-erbgha ta' filghodu, l-licenzja tieghu xorta wahda kienet tillimitah ghad-daqq ta' muzika mhux aktar tard mill-hdax ta' filghaxija. Licenzja estiza tal-flugh jew le, huwa kellu dejjem josserva l-limitu sia tal-hin tal-hdax ta' filghaxija kif ukoll li d-daqq ta' muzika f'dak il-parametru ta' hin qatt ma tkun ta' inkonvenjent lill-girien. L-appellant jillanja s-sentenza tal-ewwel Qorti bi gravam kwantu s-sejbien ta' htija u iehor dwar il-piena erogata. Fl-ewwel aggravju tieghu l-imputat iressaq s-segwenti argumenti li ser ikunu kunsiderati *seriatim.*

4. L-ewwel aggravju tal-appellant huwa dirett lejn l-apprezzament tal-provi mill-Ewwel Qorti u l-appellant jibda billi jressaq l-argument illi l-muzika ma kienitx qed tinstema minn barra kif rrapurtat mill-Pulizija. Dan għax l-appellant kien diġa addotta l-miżuri li kien qallu biex jagħmel il-Professur Joseph Agius [nominat mill-ewwel Qorti kif spjegat *supra* ]. Marbut ma' dan, jargumenta ukoll illi l-affidavit ta' PC 1231 Roderick Agius ma jistax jkun kunsidrat ghaliex id-data tal-ispezzjoni hija indikata bhala 27 ta' Diċembru, 2012 meta l-ispezzjoni saret fis-27 ta' Dicembru, 2013. Hemm ukoll affidavit ta' zewg ufficcjali ohra tal-Pulizija, izda dawn ma jispeċifikawx f'liema parti tat-triq kienu u kemm kienu 'l bogħod mill-istabbiliment meta semghu il-muzika;

1. L-appellant ressaq ghall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti, żewġ aggravji. Fl-ewwel aggravju jikkontendi li ma huwiex minnu li l-mużika li kien qed idoqq kienet tant għolja li kienet qed toħloq

sikkatura, disturb jew kienet b'xi mod qed iddejjaq lil ġirien. Skond l-appellant, jirrizulta biss illi meta WPS 167 accediet fuq fil-bar ikkonstatat biss li "kienet qieghda tindaqq xi muzika" u ma ghamlet l-ebda accenn ghall-volum taghha;

2. Din il-Qorti eżaminat l-affidavit ta' WPS 167 u jirrizulta dak li ccita l-appellant. Tajjeb izda, li jkun osservat illi l-istess ufficcjal tal-Pulizija irceviet ir-rapport fis-siegha u kwart ta' filghodu u meta waslet fuq il-post innotat li din il-muzika kienet ghadha ghaddejja. Jemergi ukoll mill-atti illi skond dak li ddeponew il-kwerelanti, din il-muzika instemghet ukoll waqt li l-l-espert tal-Qorti kien qieghed fuq il-post jaghmel il-kostatazzjonijiet tieghu mertu ta' kwerela ohra tal-istess parti civili. Skond il-kwerelanti din il-muzika tinstema hafna mill-appartament taghhom u gieli tibqa' ghaddejja sas-sebgha ta' filghodu. L-espert tal-Qorti ikkonferma illi l-muzika tinstema' f'livelli ta' decibali li jeccedi l-istandards internazzjonali;

3. Huwa palezi mill-atti processwali illi l-imputat jista' jdoqq muzika fil-bar tieghu sal-11 ta' filghaxija anke jekk llum il-gurnata ghandu estensjoni kwantu il-hin tal-ftuh. Il-Qorti tosserva illi l-perit tekniku jaghti ragun lill-kwerelanti meta jesprimi l-opinjoni teknika tieghu kwantu l-inkonvenjent generat minn hsejjes li jkunu ta' frekwenza baxxa ghaliex dawn jinstemghu hafna aktar minn dawk ta' frekwenza gholja. L-inkonvenjent ghall-girien ghalhekk huwa car;

3. PC 1554 Noel Decesare meta xehed quddiem din il-Qorti spjega li huwa kien akkumpanja lil Professur Joseph Agius dakinhar biex jieħu *r-readings* tal-ħsejjes. Huwa kien ħa reading f'nofs il-lejl neqsin għaxra u reading ieħor f'nofs il-lejl. Meta mistoqsi x'kien sema' minn ġod-dar tas-Sur Conrad Borg huwa jgħid *' Smajna mhux mużika, imma, qisu damdim fil-bogħod' ….. qisu damdim irqiq jinstema' mill-bogħod.* Meta l-Qorti tistaqsih ma' x' hiex jassoċja dan il-ħoss huwa jgħid *' Tista' tassoċjah ma' mużika qisu tregħid , tregħid ġej mill-bogħod imma, mhux viċin.*

*Damdim instema', ma nstemax la mużika, xi ħaġa ddamdam kontinwament'.*

4. Fix-xhieda tagħha, Daniela Dalli apparti li tindika d-data tar-rapport tgħid '*Lanqas norqod bil-lejl u jkolli mmur għax-xogħol b'għajnejja mċemplin għax lanqas inkun irqadt minħabba l-mużika li kienet għaddejja sa filgħodu'*;

4. Din il-Qorti tqis bhala fierha l-argumenti enumerati 8, 9 u 10 tar-rikors promutur. Meta t-Tieni Skeda tal-Avviz Legali 1 tal-2006 jitkellem fuq storbju li jista' jinstema' minn barra, ma jfissirx li hu limitat ghall-dak li jista' jinstemgha mit-triq, igifieri mill-bieb ta' barra. "Minn barra" tfisser minn barra l-istabiliment, ikun fejn ikun ghaliex altrimenti ma jkun hemm xejn hazin li muzika ma tinstemghax minn barra t-triq, fejn fil-verita tista ma ddejjaq il-hadd jekk ma hemmx residenzi faccata, izda tinstemgha minn naha tal-bitha tal-istabbiliment jew mit-twieqi li jaghtu ghall-girien, jew bhal f'dan il-kaz, tkun trasmessa fil-binja li taghmel maghha;

5. L-appellant m'ghandux ragun meta jghid li ma kienx pruvat l-origini tal-muzika u kwantu l-ghaxar argument, anqas ma jinghad ikun ahjar. Ma huwiex gust li l-kwerelanti jkunu kritikati ghaliex huma biss mill-girien kollha qed jilmentaw minn dan l-inkonvenjent. Dawn huma hsejjes li kienu verifikati sia mill-espert tal-Qorti kif ukoll minn ufficcjali tal-Pulizija li urew li ma humiex ilmenti leggeri izda reali u li qed jikkawzaw trawma fil-hajja tal-kwerelanti semplicement ghaliex l-imputat ma jridx josserva il-limiti tal-licenzja li biha huwa moghni;

6. A propositu tal-mertu hawn devolut, tajjeb li ssir referenza ghal dak li rriteniet il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ **Moreno *Gómez v. Spain*** : *'Article 8 of the Convention protects the individual's right to respect for his private and family life, his home and his correspondence. A home will usually be the place, the physically defined area, where private and family life develops. The individual has a right to respect for*

*his home, meaning not just the physical area, but also to the quiet enjoyment of that area. Breaches of the right to respect of the home are not confined to concrete or physical breaches, such as unauthorised entry into a person's home, but also include those that are not concrete of physical, such as noise.*[1]

7. Il-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti kienu legalment korretti, studjati u ragonati liema konsiderazzjonijiet rradikaw gudizzju ragonat u legalment korrett b'mod li ma hemm l-ebda lok li din il-Qorti tiddisturba dik il-konkluzzjoni.

8. Fit-tieni aggravju, l-appellant jikritika l-piena erogata mill-Ewwel Qorti bhala waħda esaġerata. Kif ritenut mill-Qrati tagħna in materja ta' piena, l-prinċipju regolatur huwa li din il-Qorti ma tiddisturbax d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti kwantu l-piena kominata sakemm din ma tkunx 'l hinn mill-limiti stipulati mill-liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun anqas jew aktar minn dik fil-fatt erogata. Prinċipju dan riaffermat b'mod kostanti kif jemerġi mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali kolleġjalment mogħtija fil-kawża Ir-Repubblika ta' Malta vs ommissis u Noel Frendo tat-3 ta' Diċembru, 2015. Il-piena hija fil-parametri tal-liġi u mhux eċċessiva konsiderando li skont l-artikolu 18 tal-Kap 441 dwar il-Liċenzji tal-Kummerċ jekk wieħed jinstab ħati għall-ewwel darba, jista' jeħel ammenda ta' mhux inqas minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47) imma ta' mhux iżjed minn elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69). Għaldaqstant dan l-aggravju qed ikun michud;

9. Għal dawn il-motivi, l-appell qed ikun michud u t-terminu ta' sospensjoni jibda jiddekorri minn nofs il-lejl tal-lum.

[1] The European Court of Human Rights Para, 53, final 16.02.2005